**Eżami għall-*Warrant* ta' Avukat**

**(Parti bil-miktub)**

**L-Erbgħa 28 ta' Diċembru 2011**

**(It-tweġibiet iridu jkunu kollha bil-Malti. Sakemm ma jkunx indikat xort'oħra fil-każ ta' persuna bi bżonnijiet speċjali, il-ħin massimu biex wieħed iwieġeb kemm għal parti A kif ukoll għal parti B hu ta' tliet sigħat.)**

**<u>Parti A</u>**

Wieġeb għal <u>tlieta</u> biss minn dawn li ġejjin billi tabbozza:

1. l-atti meħtieġa biex tiftaħ *actio debitor debitoris mei*.
2. (a) l-atti meħtieġa biex tifdi ċens perpetwu; u (b) l-att meħtieġ biex l-ex-direttarju jiżbanka l-prezz tal-fidwa.
3. l-att meħtieġ biex isir appell minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili illi, għalkemm laqgħet it-talba tal-attur, klijent tiegħek, għal dikjarazzjoni illi l-konvenut għandu jagħmel tajjeb għal danni li ġarrab il-klijent tiegħek bi ħtija tal-konvenut, illikwidat id-danni f'somma anqas milli, fil-fehma tal-klijent tiegħek, kellha tkun.
4. l-atti meħtieġa biex tiftaħ kawża ta' jattanza għax il-klijent tiegħek jgħid illi l-konvenut b'ittra uffiċjali ippretenda illi huwa s-sid ta' proprjetà li tinsab f'idejn l-attur.
5. l-att meħtieġ biex issir talba lill-Qorti tal-Appell biex tagħmel referenza lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropeja dwar l-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
6. l-att meħtieġ biex il-klijent tiegħek, li b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nstab ħati ta' żewġ imputazzjonijiet u mhux ħati ta' żewġ imputazzjonijiet oħra, jagħmel appell mis-sejbien ta' ħtija dwar waħda miż-żewġ imputazzjonijiet li tagħhom instab ħati u biex titnaqqas il-piena.

**<u>Parti B</u>**

Wieġeb għal mistoqsija <u>waħda</u> biss minn dawn li ġejjin:

1. Jekk avukat isir jaf illi klijent li qiegħed jippatroċina kien ippatroċinat minn avukat ieħor qablu fuq l-istess kwistjoni, x'għandu jagħmel? Jagħmel differenza jekk il-każ ikun ta' urġenza, bħal meta jkun sejjer jagħlaq iż-żmien biex jiġi preżentat xi att?

2. Meta avukat jidhirlu illi l-qorti ma hijiex tagħti konsiderazzjoni xierqa għal xi sottomissjoni jew talba li jkun għamel, x'għandu jagħmel l-avukat?

3. "Avukat ma għandux jipprattika l-kummerċ." Iddiskuti din il-proposta fid-dawl tal-obbligi etiċi applikabbli.